MT

MT

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 1.4.2009
SEC(2009) 388

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

li jakkumpanja

WHITE PAPER

L-adattament għat-tibdil fil-klima: Lejn Qafas Ewropew għall-azzjoni

SOMMARJU TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

{COM(2009) 147 finali}
{SEC(2009) 386}
{SEC(2009) 387}

SOMMARJU EŻEKUTTIV

1. DAĦLA

Dan ir-rapport huwa sommarju eżekuttiv tar-Rapport ta' Valutazzjoni tal-Impatt[1] fuq il-White Paper tal-Kummissjoni dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima[2], bil-għan li tiżviluppa aktar id-diskussjoni fuq livell Ewropew dwar l-effetti tat-tibdil tal-klima u biex jittieħdu passi li jiżguraw li l-Istati Membri u l-UE jkunu kapaċi jirrispondu bis-sħiħ kemm fuq livell ta' definizzjoni tal-politka kif ukoll fl-implimentazzjoni prattika tas-soluzzjonijiet, filwaqt li jittieħed inkonsiderazzjoni l-fatt li l-parti l-kbira tal-inizzjattivi ta' adattament jeħtiġilhom jitwettqu fuq livell nazzjonali, reġjonali jew lokali.

Il-Kummissjoni adottat Green Paper dwar l-Adattament għat-tibdil fil-klima fl-Ewropa fl-2007[3] li kienet segwita b'konsultazzjoni wiesgħa pubblika u interistituzzjonali[4]. Il-valutazzjoni tal-Impatt ibbenefikat mir-raba' rapport tal-IPCC (il-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima)[5], mir-rapport dwar l-impatti tat-Tibdil fil-Klima fl-Ewropa tal-EEA (l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent)/JRC (iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka)/WHO (l-Organizzazzjoni Dinjija)[6] tas-Saħħa u minn lista twila ta' rapporti u proġetti ta' riċerka dwar l-impatti u l-adattamenti għat-tbdil fil-klima. Hija kkumplementata b'dokumenti settorjali dwar l-ilma, kwistjonijiet marbuta mal-kosta u l-baħar[7], l-agrikultura[8] u s-saħħa[9].

2. ADATTAMENT GĦAT-TIBDIL FIL-KLIMA AĠENDA ĠDIDA GĦAL POLITIKA PUBBLIKA

2.1. Kunċetti Ewlenin

Il-Vulnerabbiltà (IPCC, 2007) hija l-grad sakemm sistema hija suxxettibbli għal, u mhix kapaċi li taffronta, effetti ħżiena tat-tibdil fil-klima, inklużi l-varjabbiltà u l-estremi klimatiċi. Il-vulnerabbiltà hija funzjoni tat-tip, il-kobor u r-rata ta' tibdil fil-klima u l-varjazzjoni li għalija hija esposta s-sistema, is-sensittività u l-kapaċità tagħha biex tadatta (Grafika 1). Min-naħa l-oħra, **l-flessibbiltà** (IPCC, 2007) hija l-kapaċità li tali sistema tassorbi t-taqlib filwaqt li żżomm l-istess struttura bażika u l-istess modi ta' tħaddim.

Dan ifisser li politiki proattivi ta' adattament ma għandhomx ikunu ristretti għall-analiżi tal-impatt tat-Tibdil fil-Klima u għas-sensittività xejn uniformi ta' setturi, reġjuni u gruppi soċjali differenti. Għal uħud mis-setturi, reġjuni u gruppi, it-tibdil fil-klima jista' jipprovdi opportunitajiet għal innovazzjonijiet fil-proċessi, t-teknoloġija u l-kontroll.

---

1 SEC(2009) 387 Ir-rapport ta' valutazzjoni tal-Impatt jipprovdi iktar dettall fuq livell settorjali u ġeografiku

2 COM(2009)147.

3 COM(2007) 354,

4 http://ec.europa.eu/environment/climat/adaptation/index_en.htm

5 Alcamo et al., Tibdil fil-Klima 2007: Impacts, L-Adattament u l-Vulnerabbbiltà. Kontribuzzjoni tal-Grupp ta' Ħidma II għar-4[a] Rapport ta' Valutazzjoni yal-Panil Intergovernattiv dwar it-tibdil fil-klima, disponibbli fuq http://www.ipcc.ch/ipccreports/assessments-reports.htm

6 Impatti tat-tibdil fil-klima fl-Ewropa – valutazzjoni bbażata fuq indikaturi-2008, Rapport tal-EEa Nru 4/2008, http://reports.eea.europa.eu/eea_report_2008_4/en/

7 SEC(2009) 386

8 SEC(2009) 417

9 SEC(2009) 416

Il-Bijodiversità, l-ekosistemi, il-popolazzjoni u l-aġenti ekonomiċi jistgħu jadattaw b'mod awtonomu, jekk il-kundizzjonijiet l-oħra jkunu favorevoli, mingħajr interferenza minn awtorità ċentrali li timmodera l-impatt finali tat-tibdil fil-klima u li tisfrutta wkoll "opportunitajiet" tat-tibdil fil-klima, filwaqt li tagħti bidu għal impatt ieħor ambjentali ekonomiku u soċjali u ċċaqlaq l-impatt klimatiku għal banda oħra.

Grafika 1 Dijagramma tal-Kunċetti tal-vulnerabbiltà u adattament għat-tibdil fil-klima. Sors: EEA (2008)



Għalhekk se jkunu meħtiega miżuri ta' adattament ppjanati biex jipprovdu **approċċ multisettorjali** bil-għan li jtejbu l-flessibbiltà tas-sistema naturali u ekonomika u/jew li jiffaċilitaw, li spiss ikun b'**approċċ ta' żmien twil jew medju.** L-azzjoni pubblika se timmira wkoll li tipproduċi benefiċċji pubbliċi u tipprovdi kundizzjonijiet l-istess għal kulħadd għal tagħrif dwar il-vulnerabbiltà tal-klima u dwar il-kost u l-benefiċċji tal-għażliet tal-adattament.

L-ikbar inċertezzi dwar il-linja bażi tal-futur għall-adattament jiffavorixxu l-implimentazzjoni ta' ġestjoni flessibbli u adattiva, li tivvaluta s-saħħa ta' strateġiji alternattivi f'firxa wiesgħa ta' xenarji[10].L-analiżi tal-Valutazzjoni tal-Impatt hija bbażata fuq qafas ta' evalwazzjoni li jmur lil hinn mill-impatt dirett u mir-riperkussjonijiet ekonomiċi tat-tibdil fil-klima, u jqis ir-rwol tas-servizzi tal-ekosistema u d-dimensjoni soċjali tat-tibdil fil-klima (Grafika 2). Dan jipprovdi bażi għal iktar intergrazzjoni tat-tagħrif eżistenti dwar l-impatti pontenzjali li jistgħu jokkorru fis-seħħ ta' tibdiliet proġettati alternattivi tal-klima, b'adattament awtonomu jew mingħajru. Sal-lum l-għarfien għadu frammentat ħafna, u l-proġetti tar-riċerka bħala parti mis-6 jew is-7 Programm Kwadru jed javvanzaw fid-definizzjoni ta' sett ta' xenarji konsistenti ppjanati biex biex issir valutazzjoni aktar integrata tal-politiki ta' adattament u ta' taffija.

[10] Hulme M. (2008), "Is Climate Prediction a Limit to Adaptation?", Taħdita fil-laqgħa tal-Kummissjoni Ewropea tat-22 ta' Mejju 2008 - School of Environmental Sciences, University of East Anglia

Grafika 2: Katina tal-Impatti Potenzjali tat-Tibdil fil-Klima. Sors: DĠ Ambjent, ibbażat fuq (EEA,2008) u (IPCC, 2007). L-impatti potenzjali huma dawk l-impatti kollha li jistgħu jokkorru meta jkun hemm tibdil proġettat fil-klima, mingħajr ma jitqies l-adattament.



2.2. *L-identifikazzjoni tar-reġjuni u s-setturi tal-UE l-iktar vulnerabbli*

L-iktar żoni vulnerabbli fl-Ewropa (EEA 2008) huma n-Nofsinhar tal-Ewropa, il-Baċir tal-Mediterran, ir-reġjuni l-aktar imbiegħda u r-reġjun Artiku. Barra minn hekk, qed jiffaċċjaw problemi partikolari ż-żoni tal-muntanji, speċjalment l-Alpi, il-gżejjer, żoni kostali u urbani u artijiet vulnerabbli għall-għargħar b'densità għolja ta' poplazzjoni. Fl-Ewropa tat-Tramuntana u tal-Punent huwa proġettat bilanċ iktar kumpless bejn l-effetti negattivi u pożittivi għal livelli moderati ta' tibdil fil-klima.

L-Impatt potenzjali tat-Tibdil fil-Klima huwa ogħla f'setturi li jiddependu fuq is-servizzi tal-ekosistema, id-disponibbiltà tal-ilma u l-kundizzjonijiet klimatiċi, bħalma huma l-agrikultura u l-forestrija, is-sajd u l-akkwakultura, l-enerġija u t-turżimu.

Il-gruppi l-iktar vulnerabbli (l-anzjani, it-tfal, il-persuni b'diżabbiltà u dawk li jbatu minn mard kroniku, eċċ) x'aktarx ikollhom diffikultajiet ikbar biex jadattaw. Dan jippreżenta problema potenzjali ta' ekwità u distribuzzjoni. Titqajjem ukoll il-kwistjoni dwar jekk l-adattament ippjanat għandux jipprova jilħaq speċifikament lil dawn il-gruppi jew inkella japplika analiżi distributtiva biex jiżgura strateġija ta' adattament ekwitabbli. Filwaqt li spiss jissemma n-nuqqas ta' riżorsi għal persuni li huma l-iktar vulnerabbli bħala xkiel għal adattament effettiv, il-mekkanżmi finanzjarji u l-fallimenti tas-suq inaqqsu l-effikaċja potenzjali tal-adattament.

Diġà għaddej xi xogħol fil-Kummissjoni Ewropea biex issir valutazzjoni tal-fattibbiltà u biex jiġu pprovduti għażliet għall-ippjanar ta' (sett ta') indikatur(i) tal-vulnerabbiltà, f'livelli settorjali u reġjonali, li jkun(u) jista'/jistgħu jintuża(w) biex issir valutazzjoni ulterjuri ta' pakketti ta' politika ta' adattament madwar l-UE. Dan ikun jinvolvi li jinġiebu flimkien indikaturi f'livelli ekonomiċi, soċjali u ambjentali għal xenarji tal-klima differenti, sabiex jirrappreżentaw il-livelli ta' riskji li qed jiffaċċaw setturi u reġjuni differenti.

2.3. Ħtieġa għal titjib fil-koordinazzjoni tal-azzjoni f'livelli differenti

Xi Stati Membri jinsabu ‘l quddiem sew fl-ippjanar dwar l-adattament u diġà għandhom politiki fis-seħħ filwaqt li oħrajn għadhom fl-istadju li jidentifikaw il-problemi u jew qed jiddiskutu dwar liema direzzjoni għandha tieħu dik l-azzjoni. Fi pjanijiet ta'adattament nazzjonali eżistenti, hija rikonoxxuta l-ħtieġa li jkun hemm koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u l-benefiċċji ta' approċċ integrat b'mod koordinat fl-livell ta' UE huma rikonoxxuti wkoll. Ir-raġunijiet għaliex għandha tittieħed azzjoni fil-livell tal-UE huma stipulati hawn taħt:

- It-tibdil fil-klima se jirriżulta **f'impatti transkonfinali** u se jeħtieġ miżuri ta' adattament ibbażati fuq il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri differenti u mal-Istati mhux Membri rilevanti (pereżempju miżuri ta' protezzjoni bikrija mill-għargħar);

- L-istrateġija tal-adattament għandha tħaddan sens ta' **solidarjetà,** minħabba li l-effetti tagħha se jkunu ġeografikament differnti u se jvarjaw ħafna bir-riżultat li l-impatt madwar l-UE jista' jvarja b'mod konsiderevoli.

- Sabiex jiġi evitat **adattament ħażin** (azzjoni ta' adattament li tressaq l-impatt lejn, jew tiggrava l-problema ġewwa, żona, pajjiż, settur jew grupp soċjali ieħor), x'aktarx ikun jaqbel li tittieħed azzjoni f'livell transkonfinali jew Ewropew.

- It-tibdil fil-klima se jkollu impatt maġġuri fuq setturi li huma integrati sew f'livell tal-UE permezz ta' **suq uniku u politiki kumuni.** L-Adattament jista' jittieħed inkonsiderazzjoni fi programmi ta' nfiq tal-UE biex jikkumplementaw ir-riżorsi minfuqa mill-Istati Membri.

- Għal dak li jirrigwarda azzjoni esterna, l-UE jista' jkollha **rwol ta' tmexxija** fl-adattament f'uħud mis-setturi minħabba li l-poter tan-negozjar naqas fil-livell tal-Istati Membri u żdied f'dak tal-UE.

3. MIRI TAL-WHITE PAPER

L-għan speċifiku tal-Komunikazzjoni dwar l-Adattament hija li jiġu identifikati strumenti ta' politika f'livell tal-UE u li jiġi stabbilit pjan għaż-żmien qasir u medju, billi:

– Ittejjeb il-bażi tal-għarfien dwar il-vulnerabbiltà tat-tibdil fil-klima (impatti u kapaċità ta' adattament) u dwar il-l-kost u l-benefiċċji tal-għażliet ta' adattament;

– Tiżgura implimentazzjoni bikrija ta' miżuri bla xogħfa u li minnhom kulħadd joħroġ rebbieħ, u tevita l-adattament ħażin, bl-integrazzjoni tal-adattament fil-qalba tal-politiki tal-UE;

– Timplimenta proċess biex itejjeb il-koordinament tal-politiki ta' adattament u tivvaltuta l-passi li jmiss, inkluż id-dibattitu dwar il-finanzjament tal-futur.

4. TGĦARBIL TA' ALTERNATTIVI POTENZJALI

Sabiex jintlaħqu l-għanijiet stipulati hawn fuq, wieħed irid jagħmel distinzjoni bejn għażliet fuq żewġ livelli:

– Approċċ globali biex titwettaq politika ta' adattament f'kull livell.

– Il-qafas ta' azzjoni f'livell tal-UE.

4.1. Għażliet għall-approċċ ta' adattament

Se jkun hemm għadd kbir ta' strateġiji, pjanijiet u proġetti ta' adattament pubbliċi, li kull wieħed jirrikjedi valutazzjoni ta' vulnerabbiltà u evalwazzjoni tal-kost u l-benefiċċju. Madankollu, huwa possibli li l-għażliet ta' adattament jinġabru taħt tliet kategoriji wiesgħa bbażati fuq l-approċċ globali.

- **L-approċċi infrastrutturali "Griżi"-**, li huma miżuri ta' intervent fiżiku jew ta' kostruzzjoni bl-użu ta' servizzi ta' inġinerija biex **il-bini u l-infrastruttura** essenzjali għall-ġid ekonomiku u soċjali tas-soċjetà jkunu kapaċi jifilħu għal-ġrajjiet estremi.

- **approċċi strutturali "Ħodor"** li jikkontribwixxu għal iktar flessibbiltà tal-ekosistema u, filwaqt li jimmiraw biex iwaqqfu t-telfien tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tal-ekosistema u jġeddu ċ-ċikli tal-ilma, fl-istess ħin jużaw il-funzjonijiet u s-servizzi provduti mill-ekosistemi biex jaslu għal soluzzjoni ta' adattament li hija iktar effikaċi gan-nefqa u xi drabi iktar fattibbli milli kieku tiddependi biss fuq l-infrastruttura ġriża.

- **Approċċi mhux strutturali "moderati"** huma l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' politiki u proċeduri, kontrolli tal-użu tal-artijiet, it-tixrid tat-tagħrif, u inċentivi ekonomiċi li jnaqqsu jew jimpedixxu l-vulnerabbiltà għad-diżastri. Dawn jirrikjedu ġestjoni aktar għaqlija tas-**sistemi umani** li jserrħu fuqhom.

4.1.1. Valutazzjoni tal-għażliet

Id-diversità tal-vulnerabbiltà madwar l-UE-27 u l-għażliet ta' adattament tas-setturi u tal-ambitu ma tistax tiġi indirizzata f'din il-Valutazzjoni tal-Impatt. Barra minn hekk, dan ir-rapport ma jagħżilx approċċ wieħed bħala dak preferut, minħabba li t-3 approċċi definiti hawn fuq għandhom ikunu parti minn kull portafoll ta' politika.

Il-valutazzjoni tal-***kost u benefiċċju tal-politiki ta' adattament*** tirrikjedi li ssir konsiderazzjoni tal-istampa sħiħa tal-miżuri tal-UE u dawk nazzjonali (il-PAK u l-Fondi tal-Politika tal-Koeżjoni, u politiki ambjentali, dwar is-saħħa u l-intrapriżi, eċċ) u għandha tikkonsidra mod ta' kif l-iffokar mill-ġdid u r-riformulazzjoni ta' firxa wiesgħa ta politiki tista' tgħin biex l-azzjoni ta' adattament tkun iktar effikaċi għan-nefqa, iktar imħaffa u flessibbli. L-element ta' inċertezza li hemm fil-proġettazzjonijiet tat-tibdil fil-klima jista' jfixkel milli tittieħed azzjoni mmirata bikrija fis-setturi kollha. Madankollu, azzjoni bikrija tista' ġġib magħha benefiċċji ekonomiċi ċari billi tantiċipa ħsarat potenzjali u tnaqqas it-theddid tal-ekosistemi, saħħet il-bniedem, l-iżvilupp ekonomiku, il-proprjetà u l-infrastruttura. Għal ċertu investiment, li se jkun operattiv bis-sħiħ meta l-impatt tat-tibdil fil-klima jasal bil-qawwa kollha, id-direzzjoni attwali tat-tbassir tat-tibdil fil-klima għandu jkollu rwol importanti fit-teħid tad-deċiżjonijiet issa.

Għażliet awtonomi u ta' adattament ppjanat jistgħu jwasslu għal **kosti ambjentali**, li jridu jiġu indirizzati f'valutazzjonijiet dwar is-sostenibbiltà. B'mod partikolari huwa essenzjali li ssir valutazzjoni integrata ta' strateġiji ta' adattament u taffija: filwaqt li l-istrateġiji ta' taffija (kemm tal-enerġija kif ukoll tal-użu tal-artijiet) għandhom jintegraw bis-sħiħ il-vulnerabbiltà tagħhom mat-tibdil fil-klima, xi għażliet għall-adattament (b'mod partikolari id-disponibbiltà tal-ilma u t-tkessiħ) jistħoqqilhom valutazzjoni b'attenzjoni. Dan jikkonferma l-importanza ta'

integrazzjoni tal-valutazzjoni tal-art u l-ilma biex tiġi żgurata l-aqwa allokazzjoni tar-riżorsi naturali skarsi (l-art, l-ilma). Impatti ambjentali oħra jridu jiġu eżaminati wkoll kemm jista' jkun malajr biex tiġi ppjanata politika ta' adattament sostenibbli biex jiġi evitat "adattament-ħażin".

Għal dak li jirrigwarda l-**impatt soċjali**, strateġija għall-adattament għat-tibdil fil-klima għandha tkun ġusta soċjalment, speċjalment f'dak li jirrigwarda l-konsegwenzi fuq l-imjiegi, l-ekwità u d-distribuzzjoni. Għandha tiddaħħal enfasi qawwija fuq il-kapital uman; li tibda mill-għarfien tal-isfidi marbuta mal-adattament għat-tibdil fil klima u tkompli bl-investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ biex jiġi żgurat li l-Ewropej ikollhom il-ħiliet u l-kompetenzi kollha biex jadattaw għat-tbdil fil-klima. L-istrateġiji ta' adattament jeħtiġilhom jiffaċilitaw it-tibdil strutturali fejn meħtieġ u jipproteġu opportunitajiet ġodda għall-iżvilupp ekonomiku u l-ħolqien ta' "imjiegi ekoloġiċi", filwaqt li jaġixxu b'soliderjetà mal-gruppi vulnerabbli.

4.1.2. Prijorità tal-miżuri ta' adattament

Hemm firxa ta' miżuri ta' adattament li jridu jittieħdu jew għaliex jagħtu riżultati f'qasir żmien irrispettivament mill-inċertezzi fil-previżjonijiet(“bla xogħfa”); jew għaliex jagħtu benefiċċju kemm ta' taffija kif ukoll ta' adattament ("kulħadd joħroġ rebbieħ"):

- Meta ssir lokalizzazzjoni jew lokalizzazzjoni mill-ġdid, għandu jiġi evitat żvilupp tal-infrastruttura u bini f'żoni b'riskju għoli (pereżempju art vulnerabbli għall-għargħar, skarsezza tal-ilma);

- L-ippjanar ta' infrastruttura u bini li jnaqqas l-enerġija u l-konsum tal-ilma u jtejjeb iż-żamma tal-ilma u l-kapaċità tat-tkessiħ f'żoni urbani;

- Il-ġestjoni tal-għargħar u tal-kosta li tinkludi l-ħolqien jew stabbiliment mill-ġdid ta' artijiet vulnerabbli għal-għargħar, artijiet mistgħadra u mielħa, li jżidu l-kapaċità tal-ġestjoni tal-livell tal-għargħar/baħar u jappoġġaw il-biodiversità u l-għanijiet tal-konservazzjoni tal-ħabitat;

- Jittejjeb il-livell ta' preparamenti u ppjanar ta' kontinġenza fl-ilqigħ għar-riskji (inkluż il-klima).

4.2. Għażliet għall-azzjoni f'livell Ewropew

Fid-dawl tal-għanijiet ta' hawn fuq, hemm tliet għażliet "strateġiċi" għall-politka ta' adattament tal-UE tal-futur:

– **Għażla A (linja bażi)** li tinvolvi li l-iżvilupp ta' strateġiji ta' adattament jkun ristrett għal adattament awtonomu u għal azzjoni fil-livell nazzjonali, filwaqt li l-politiki tal-UE ma jinbidlux. Dan jagħti lok għal għadd ta' lakuni b'potenzjal ta' adattament ħażin. Din l-għażla kienet għalhekk imwarrba fi stadju bikri.

– **Għażla B (Azzjoni inkrementali u ta' rispons lejn strateġija ta' adattament tal-UE)** timplika li s-sejbiet ta' dan ir-rapport jintużaw biex l-istrateġija ta' adattament tal-UE tittieħed pass 'il quddiem. Tingħata prijorità għall-isfruttar tal-potenzjal ta' inizjattivi li għadejjin diġà, partikolarment fil-livell nazzjonali, jew skemi ta’ koordinazzjoni u li jqajmu kuxjenza u li jevalwaw fid-dettal il-firxa kollha tal-politiki u l-istrumenti tal-UE filwaqt li jistabbilixxu l-“governanza" tal-politika ta' adattament

tal-UE bħala mezz għall-monitoraġġ tal-progress u t-tħejjija tat-triq għal azzjonijiet tal-futur.

– **Għażla C (Pjan ta' Azzjoni ta' Adattment tal-UE)** tikkumplementa lil dik ta' qabilha billi tagħti prijorità lil inizjattivi leġiżlattivi ġodda li jippromwovu azzjonijiet sostenibbli ta' adattament. Strateġiji reġjonali u nazzjonali se jkunu riveduti u definiti. Madankollu, il-livell attwali ta' inċertezza dwar il-vulnerabbiltà għall-impatt u dwar il-kost u l-benefiċċji tal-miżuri ta' adattament ma jippermettux li tiġi stabbilita minn qabel gwida definittiva tal-azzjoni. Barra minn hekk, il-każ ta' azzjoni fil-livell tal-UE (pereżempju għall-użu tal-art u l-forestrija) jeħtieġ li jiġi vvalutat b'mod iktar sistematiku, u firxa wiesgħa ta' miżuri ta' adattament hija fil-kompetenza lokali jew nazzjonali. Fl-aħħar, din l-għażla hija kkunsidrata bħala prematura qabel ma jiġu stipulati l-prijoritajiet politiċi għall-qafas finanzjarju multiannwali l-ġdid għall-2013-2020.

L-għażla B intgħażlet fid-dawl tas-sitwazzjoni attwali. Din l-għażla tipprovdi bilanċ adegwat bejn il-ħtieġa ta' viżjoni strateġika biex tiġi żviluppata politika ta' adattament tal-UE u l-ħtieġa ta' għażla flessibbli u ta' rispons għal prijoritajiet tal-politka. Għalhekk din tikkorrispondi ma' **Strateġija ta' żmien qasir** (sal-2012), li tibda mill-istat attwali ta' implimentazzjoni tal-acquis tal-UE (li jinkludi l-inizzjattivi li għaddejjin diġà u li għadhom ma laħqux l-għanijiet tagħhom) u l-iżvilupp ta' strateġiji ta' adattament u skemi korrispondenti mill-Istati Membri li għandhom obbligu skont il-UNFCCC (Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima. Bis-suppożizzjoni li se jittieħdu azzjonijiet ta' adattament awtonomu jew iggwidati mill-Istati Membri, tipproponi l-użu ta' strumenti moderati u ta' appoġġ lill-azzjoni li f'qasir żmien jistgħu jagħtu spinta lill-adattament, jevitaw xi forom ta' adattament ħażin u joħolqu valur miżjud għall-iskemi.

5. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea, flimkien mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, ħadu ir-responsabbiltà li jiżviluppaw indikaturi ta' adattament, biex jiġi pprovdut tagħrif dwar il-vulnerabbiltà ta' ċertu settur jew reġjun u li jagħtu reazzjonijiet dwar kif il-politiki u l-iskemi qed jittrattaw il-problemi, u jevalwaw l-adegwatezza, l-effiċjenza u l-flessibbiltà tagħhom.

Dawn l-indikaturi importanti madwar l-Ewropa, ibbażati fuq definizzjonijiet maqbula lill-Kummissjoni se jassistuha fir-rappurtar dwar il-progress li sar u jiżguraw approċċ flessibbli fit-tfassil tal-politika. L-ewwel aġġustament jista' jsir wara li jkun konkluż il-ftehim tal-UNFCCC dwar azzjonijiet ulterjuri ta' taffija, filwaqt li l-livell ta' ambizzjoni ta' azzjoni ulterjuri biex jitnaqqsu l-emissjonijiet se tinfluwenza l-iskala ta' adattament madwar l-UE.

L-iskemi ta' rappurtar se jiġu definiti iktar 'il quddiem. Se jinbnew fuq il-Mekkaniżmu ta' Skambju ta' Tagħrif, u se jkunu bbażati fuq approċċ armonizzat biex jitnaqqas il-piż amministrattiv.